22003D0022

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 22/2003

ta' l-14 ta' Marzu 2003

li temenda l-Anness I (Oqsma veterinarji jew fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif mibdul mill-Protokoll li Jbidel l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Annex I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2002 tas-6 Diċembru 2002 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/455/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 li temenda d-Deċiżjoni 2001/881/KE rigward il-lista tal-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntieri miftehma għall-eżaminijiet veterinarji fuq annimali u prodotti ta' l-annimali minn pajjiżi terzi ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jkun miżjud fil-punt 39 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/881/KE) f'Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim:

", kif emendat bid-:

– **32002 D 0455**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/455/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 155, 14.6.2002, p. 59)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni 2002/455/KE fl-ilsien Islandiż u Norveġiż, li għandu jiġi ippublikat fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, huma awtentiċi.

([1]) ĠU L 38, tat-13.2.2003, p. 3.
([2]) ĠU 155, ta' l-14.6.2002, p. 59.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ingħataw lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ippublikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Supliment ŻEE tal- *Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Marzu 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ma kienx hemm bonnijiet konstituzjonali indikati.